Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/4623

31.8.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

(C/2026/4623)

L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tagħti gwida prattika lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti għall-valutazzjoni tal-kontribut għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku f'konformità mal-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA). Din il-gwida ma hijiex legalment vinkolanti. Filwaqt li kultant tagħmel parafrażi tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ma hijiex maħsuba biex iżżid jew tnaqqas id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fl-NZIA jew fi strumenti vinkolanti oħra bħall-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP). Barra minn hekk, din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina jew tespandi din il-gwida.

WERREJ

		Paġna
I.	Introduzzjoni	4
II.	Kamp ta' applikazzjoni	4
III.	Il-kontribut għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fil-Proċeduri ta' akkwist pubbliku	6
A.	Ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà ambjentali (l-Artikolu 25(1) tal-NZIA)	6
B.	Ir-rekwiżiti addizzjonali mhux tal-prezz (l-Artikolu 25(3) tal-NZIA)	6
1.	Il-kundizzjoni speċjali relatata ma' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjieg	6
2.	Ir-rekwiżit li tintwera l-konformità maċ-ċibersigurtà	7
3.	L-obbligu kuntrattwali speċifiku li x-xogħol jitwettaq fil-ħin	7
C.	Ir-rekwiżiti tar-reżiljenza (l-Artikolu 25(7) tal-NZIA)	8
1.	Meta għandu jitqies il-kontribut tar-reżiljenza?	8
2.	L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-reżiljenza	9
3.	Id-determinazzjoni u l-verifika tal-oriġini tal-prodotti finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin	11
4.	Il-kejl tal-valur tal-komponenti speċifiċi ewlenin	11
5.	Il-konformità mar-rekwiżiti tar-reżiljenza matul il-proċess tal-akkwist	12
6.	Id-determinazzjoni tal-imposta proporzjonata (l-Artikolu 25(7)(d) tal-NZIA)	13
IV.	Eċċezzjonijiet	13
A.	Il-fornitur uniku (l-Artikolu 25(9)(a) tal-NZIA)	14
B.	L-ebda offerta jew talba għal parteċipazzjoni xierqa (l-Artikolu 25(9)(b) u l-Artikolu 25(11) tan-NZIA)	14
C.	Differenzi fil-kostijiet sproporzjonati (l-Artikolu 25(9)(c) u l-Artikolu 25(10) tal-NZIA)	15
D.	Ftehimiet internazzjonali (l-Artikolu 25(8) tal-NZIA)	16

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

CPV	Vokabularju komuni tal-akkwist
NM	Nomenklatura magħquda
UE	Unjoni Ewropea
GPA	Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku
SA	Sistema armonizzata
JRC	Ċentru konġunt tar-riċerka tal-Kummissjoni Ewropea
MSC	Komponent speċifiku ewlieni
NZIA	Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet żero Netti
PV	Fotovoltajku

I. **INTRODUZZJONI**

Ir-Regolament (UE) 2024/1735 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (minn hawn 'il quddiem "l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti" jew "l-NZIA") ([1]) jistabbilixxi qafas legali mmirat lejn it-tisħiħ tal-ekosistema tal-manifattura għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, biex titnaqqas id-dipendenza strateġika tal-UE fir-rigward tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom u biex jinkisbu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, l-Artikolu 5 tal-NZIA jistabbilixxi, għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, l-objettivi li jilħqu kapaċità tal-manifattura ta' mill-inqas 40 % tal-ħtiġijiet tal-użu annwali tal-UE għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti sal-2030; u 15 % tal-produzzjoni dinjija tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti sal-2040.

Biex jinkisbu dawn l-objettivi, l-Artikolu 25 tal-NZIA jistabbilixxi rekwiżiti għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE ([2]), 2014/24/UE ([3]) u 2014/25/UE ([4]) ("id-direttivi dwar l-akkwist") biex jiġi żgurat li l-infiq pubbliku jgħin biex tingħata spinta lid-domanda għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. L-Artikolu 25 tal-NZIA jimponi l-applikazzjoni ta' rekwiżiti minimi għas-sostenibbiltà ambjentali u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, kif ukoll obbligi oħra relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

Din il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-NZIA, skont l-Artikolu 29(1) tal-NZIA, u hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

II. **KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

L-Artikolu 25 tal-NZIA japplika għal "*proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE, fejn il-kuntratti għandhom teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4 (1), il-punti (a) sa (k), ta' dan ir-Regolament bħala parti mis-suġġett tagħhom*", kif ukoll għal "*kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet li jinkludu t-teknoloġija msemmija*".

Riflessjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-NZIA jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist. Il-limiti, l-esklużjonijiet u s-sitwazzjonijiet speċifiċi previsti f'dawk id-direttivi għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati meta jiġi ddeterminat jekk proċedura ta' akkwist pubbliku taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-NZIA. Pereżempju, l-Artikolu 25 japplika għall-kuntratti ssussidjati minn awtoritajiet kontraenti jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/24/UE ([5]). Bl-istess mod, l-Artikolu 25 japplika wkoll għal sistemi dinamiċi ta' xiri kif ukoll għal ftehimiet qafas sakemm il-valur tal-ftehim qafas (mhux ta' kuntratti mogħtija abbażi ta' tali ftehim) jilħaq il-limiti tad-direttivi dwar l-akkwist ([6]).

Kamp ta' applikazzjoni temporali. Il-liġi li għandha tiġi applikata għal proċedura ta' akkwist pubbliku hija l-liġi applikabbli fil-ħin tas-sejħa għall-kompetizzjoni jew fil-bidu tal-proċedura — mhux meta jingħataw il-kuntratti. Għal ftehimiet qafas u kuntratti mogħtija abbażi ta' tali ftehimiet, il-liġi li għandha tiġi applikata hija l-liġi applikabbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-kompetizzjoni skont il-ftehim qafas.

Inklużjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Għal kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet, l-Artikolu 25 tal-NZIA japplika meta dawn "jinkludu" teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1)(a) sa (k). Pereżempju, kuntratt għall-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' bini ta' skola, li għandu jkun mgħammar b'pannelli fotovoltajċi (PV) solari, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

([2]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/23/oj).

([3]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

([4]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj).

([5]) Dan huwa meta l-kuntratt tax-xogħlijiet jew tas-servizzi jkun issussidjat direttament b'aktar minn 50 % minn awtorità kontraenti u jaqbeż ċertu limitu.

([6]) Il-limiti attwali jistgħu jiġu vverifikati online hawn: https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/public-procurement/legal-rules-and-implementation/thresholds_mt.

Għal proċeduri oħra ta' akkwist pubbliku, l-Artikolu 25 tal-NZIA japplika meta jkollhom teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1)(a) sa (k), tal-NZIA "bħala parti mis-suġġett tagħhom". Is-suġġett ta' kuntratt għandu jiġi determinat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti u msemmi espliċitament fid-dokumenti tal-akkwist. Il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) jista' jgħin lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti biex jiddeterminaw is-suġġett tal-kuntratt. Madankollu, għandhom jitqiesu wkoll aspetti oħra fejn rilevanti. Dan ifisser li l-Artikolu 25 xorta jista' japplika anke jekk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti rilevanti ma jkunux imsemmija fis-CPV ta' kuntratt.

L-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-NZIA tiġi attivata meta teknoloġija b'emissjonijiet żero netti rilevanti tifforma parti mis-suġġett ta' kuntratt. Għalkemm it-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għandha tkun fost is-suġġett tal-kuntratt, ma jimpurtax liema sehem mill-valur totali tal-kuntratt tirrappreżenta, peress li r-rekwiżiti tal-Artikolu 25(1) u (7) jirrelataw biss mat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti inklużi (u mhux mal-kuntratt kollu). Bl-istess mod, il-valur tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti ma huwiex rilevanti, sakemm il-valur (stmat) tal-kuntratt ġenerali jkun ogħla mil-limiti biex japplikaw id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku.

Madankollu, l-applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-NZIA tiġi attivata biss meta l-kuntratt jinkludi prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti bħala parti mis-suġġett tiegħu. Ma jiġix attivat jekk is-suġġett tal-kuntratt jinkludi prodotti li għandhom teknoloġija b'emissjonijiet żero netti bħala wieħed mis-subkomponenti tagħhom. Pereżempju, filwaqt li l-akkwist ta' batteriji industrijali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25, l-akkwist ta' karozzi tal-linja elettriċi u vetturi elettriċi, li jkun fihom il-batteriji, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu ([7]).

Għall-fini tal-Artikolu 25, meta proċedura ta' akkwist pubbliku tkun maqsuma f'lottijiet, is-suġġett irid jiġi vvalutat għal kull lott, aktar milli għall-proċedura kollha. Pereżempju, jekk proċedura ta' akkwist pubbliku tkun maqsuma f'żewġ lottijiet, wieħed għat-twassil tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u ieħor għall-installazzjoni tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, l-Artikolu 25 japplika biss għall-ewwel lott. Il-proċeduri ma jistgħux jinqasmu f'lottijiet bil-għan li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-NZIA.

Ebda kopertura doppja bejn l-Artikoli 25 u 26 tal-NZIA. F'xi każijiet, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 jista' jikkoinċidi ma' dak tal-Artikolu 26 tal-NZIA. Għal din is-sitwazzjoni, il-Premessa 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-NZIA dwar kriterji mhux tal-prezz fl-irkanti ([8]) tistabbilixxi dan li ġej:

"*F'konformità mal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2024/1735, l-Istati Membri jridu jinkludu kriterji tal-prekwalifikazzjoni jew kriterji tal-aġġudikazzjoni biex jivvalutaw il-kontribut tal-irkant għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1735 jirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti japplikaw f'ċerti proċeduri tal-akkwist pubbliku rekwiżiti obbligatorji minimi rigward is-sostenibbiltà ambjentali u ċerti rekwiżiti obbligatorji biex jivvalutaw il-kontribut tal-offerta għar-reżiljenza. Kemm il-proċeduri tal-akkwist pubbliku kif ukoll l-irkantijiet għall-varar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-Unjoni. L-impriżi pubbliċi li joperaw fis-settur tal-enerġija li huma entitajiet kontraenti f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma soġġetti għall-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1735 meta jakkwistaw teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (k), tar-Regolament (UE) 2024/1735. Fl-istess ħin, jistgħu jipparteċipaw ukoll bħala offerenti fl-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli soġġetti għall-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1735. Il-premessa 81 tar-Regolament (UE) 2024/1735 tfakkar fl-importanza li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza jiġu applikati b'mod li jiżgura kompetizzjoni ġusta u ugwali fost l-atturi tas-suq irrispettivament mill-istruttura tas-sjieda tagħhom. Sabiex tiġi żgurata tali kompetizzjoni ġusta u ugwali, għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali, l-impriżi pubbliċi li jipparteċipaw fl-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli skont l-Artikolu 26 jenħtieġ li jkunu soġġetti biss għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 26. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 25 jenħtieġ li japplikaw għall-akkwist ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, ħlief meta tali akkwist jintuża biex jitwettqu proġetti mogħtija fil-kuntest ta' rkantijiet tal-enerġija rinnovabbli soġġetti għall-Artikolu 26.*"

([7]) Dan jiddistingwi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 u tal-Artikolu 28 tal-NZIA. L-Artikolu 25 japplika meta t-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(a) sa (k) tal-NZIA jkunu parti mis-suġġett tal-kuntratt. Din il-lista tinkludi batteriji, li huma subkomponent tal-vetturi elettriċi, iżda mhux sistemi ta' propulsjoni elettrika għat-trasport bit-triq, li jistgħu jiġu assimilati ma' vetturi elettriċi. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 28 japplika għal skemi pubbliċi li jappoġġaw ix-xiri ta' kwalunkwe prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, inklużi sistemi ta' propulsjoni elettrika għat-trasport bit-triq. Huwa għalhekk li l-vetturi b'emissjonijiet żero jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-NZIA (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2026/123).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1176 tat-23 ta' Mejju 2025 li jispeċifika l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u tal-aġġudikazzjoni għall-irkantijiet għall-varar tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L, 2025/1176, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1176/oj).

III. **IL-KONTRIBUT GHAS-SOSTENIBBILTA U R-REZILJENZA FIL-PROCEDURI TA' AKKWIST PUBBLIKU**

L-Artikolu 25 tal-NZIA jimponi l-applikazzjoni, fi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, ta' tliet tipi differenti ta' rekwiżiti: ir-rekwiżiti minimi obbligatorji dwar is-sostenibbiltà ambjentali (l-Artikolu 25(1)), ir-rekwiżit tar-reżiljenza (l-Artikolu 25(7)) u mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti addizzjonali fl-Artikolu 25(3), dwar aspetti soċjali jew relatati mal-impjieg, iċ-ċibersigurtà, jew obbligu li x-xogħol jitwettaq fil-ħin. Ir-rekwiżiti għandhom ikunu relatati mat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti speċifika li qed tiġi akkwistata.

F'konformità mal-Artikolu 25(12)(a), l-Istati Membri jistgħu jużaw kriterji addizzjonali mhux tal-prezz lil hinn minn dawk elenkati fl-Artikolu 25, inklużi kriterji mhux koperti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-NZIA. Jekk tkun involuta l-għajnuna mill-Istat, il-kriterji kollha mhux tal-prezz iridu jkunu mfassla f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u b'mod partikolari, b'limiti massimi ta' ponderazzjoni stabbiliti.

A. **Ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà ambjentali (l-Artikolu 25(1) tal-NZIA)**

L-Artikolu 25(1) tal-NZIA jirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jinkludu rekwiżiti minimi relatati mas-sostenibbiltà ambjentali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero nett akkwistati, kif stabbilit permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/718 ([9]) jistabbilixxi rekwiżiti obbligatorji minimi għar-riċiklabbiltà tal-pali tat-turbini eoliċi. L-Artikolu 25(1) tal-NZIA ma jinvolvix obbligi għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u/jew aspetti tas-sostenibbiltà ambjentali mhux koperti minn dak l-att ta' implimentazzjoni ([10]). Madankollu, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti xorta jistgħu jinkludu rekwiżiti addizzjonali relatati mas-sostenibbiltà ambjentali jew kriterji tal-għoti fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħhom, kif iddikjarat fl-Artikolu 25(2).

L-Artikolu 25(1) jibbaża fuq l-att ta' implimentazzjoni li jispeċifika r-rekwiżiti minimi dwar is-sostenibbiltà ambjentali u għalhekk japplika mid-data tal-applikazzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni, jiġifieri t-30 ta' Ġunju 2026.

B. **Ir-rekwiżiti addizzjonali mhux tal-prezz (l-Artikolu 25(3) tal-NZIA)**

Ir-rekwiżit addizzjonali mhux tal-prezz fl-Artikolu 25(3) japplika biss għal kuntratti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet li jinkludu teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkata fl-Artikolu 4(1)(a) sa (k) tal-NZIA.

Id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jinkludu mill-inqas wieħed mit-tliet rekwiżiti li telenka, jiġifieri:

— kundizzjoni speċjali relatata ma' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjieg;

— rekwiżit li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà; jew

— obbligu kuntrattwali speċifiku biex jitwassal il-komponent tal-kuntratt relatat mat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1)(a) sa (k) fil-ħin.

1. *Il-kundizzjoni speċjali relatata ma' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjieg*

L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom iżommu f'moħħhom l-għan tal-akkwist strateġiku skont l-NZIA, jiġifieri l-kundizzjoni għandu jkollha impatt soċjali pożittiv jew relatat mal-impjiegi fuq il-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li hija s-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni. F'dak ir-rigward, il-kundizzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 25(3)(a) jistgħu pereżempju jirreferu għal impjieg ta' persuni li jesperjenzaw diffikultajiet soċjali jew professjonali partikolari, parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), sorsi etiċi, jew obbligi ta' taħriġ u apprendistat. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jirreferu wkoll għal kundizzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjieg speċjali li jkunu diġà applikaw b'suċċess, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/718 tal-20 ta' Marzu 2026 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà ambjentali għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu ċerti teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti (ĠU L, 2026/718, 23.03.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/718/oj).

([10]) Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni oħra. Pereżempju, għall-pompi tas-sħana, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti diġà huma obbligati jakkwistaw biss iż-żewġ klassijiet tal-ogħla prestazzjoni tal-enerġija (ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2023/1791). Għall-batteriji, ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà ambjentali se jiġu stabbiliti f'konformità mar-Regolament dwar il-Batteriji (ir-Regolament (UE) 2024/1781).

Jekk kemm id-daqs tal-offerenti u l-forniturі potenzjali kif ukoll il-valur tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti fil-kuntratt huma komparabbli mad-daqsijiet tal-proġetti taħt irkanti tal-enerġija rinnovabbli, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti huma mħeġġa jallinjaw il-kundizzjoni speċjali skont l-Artikolu 25(3) kemm jista' jkun mal-kriterju rispettiv ta' prekwalifikazzjoni għall-irkanti tal-NZIA (ara l-Artikolu 26 tal-NZIA). Dan jikkonċerna l-aspetti soċjali u relatati mad-drittijiet tal-bniedem tal-kriterju ta' prekwalifikazzjoni dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju fl-irkanti, li huma stabbiliti aktar fl-Artikolu 4 tal-Att ta' Implimentazzjoni tal-NZIA ([11]). Meta jallinjaw il-kundizzjoni speċjali mal-kriterju ta' prekwalifikazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-kundizzjoni jkunu relatati mas-suġġett tal-kuntratt u ma jmorrux lil hinn minnu. Dan ifisser li kwalunkwe rekwiżit ta' diliġenza dovuta u żvelar jeħtieġ li jkun iffukat fuq l-operazzjonijiet jew il-ktajjen tal-provvista marbuta mal-prodott, ix-xogħol jew is-servizz ipprovdut.

Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali fl-akkwist pubbliku relatati ma' kunsiderazzjonijiet soċjali jew relatati mal-impjieg:

— Il-kuntrattur jimpenja ruħu għal X sigħat ta' xogħol għal programmi ta' taħriġ professjonali (eż. apprendistati) kif ukoll Y sigħat għal programmi ta' inklużjoni soċjali (eż. reintegrazzjoni professjonali għat-twettiq ta' dan il-kuntratt).

— Fit-twettiq tal-obbligi tiegħu skont il-kuntratt, il-kuntrattur jieħu azzjoni biex jindirizza l-aspetti ewlenin tad-diliġenza dovuta soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 5(1)(a) sa (g) tad-Direttiva (UE) 2024/1760 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva.

2. *Ir-rekwiżit li tintwera l-konformità maċ-ċibersigurtà*

L-Artikolu 25(3)(b) tal-NZIA jipprevedi rekwiżit li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà. Jirreferi speċifikament għall-Att Ewropew dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika ([12]) li se japplika bis-sħiħ mill-11 ta' Diċembru 2027. Qabel dik id-data, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jirrikjedu li l-offerenti juru l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea.

Iċ-ċibersigurtà hija waħda mir-rekwiżiti tal-Artikolu 26 għall-irkanti (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1176). L-awtoritajiet nazzjonali huma mħeġġa jsegwu l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ([13]) tal-Artikolu 26 fejn ikun possibbli.

3. *L-obbligu kuntrattwali speċifiku li x-xogħol jitwettaq fil-ħin*

L-obbligu li x-xogħol jitwettaq fil-ħin għandu jkun relatat speċifikament mal-komponent tal-kuntratt relatat mat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Għandu jirrikjedi li l-aspetti kollha relatati mat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jitwettqu fil-ħin, inklużi, fejn rilevanti, l-ippjanar, ix-xiri, l-installazzjoni u l-ikkummissjonar. Ma għandux għalfejn japplika għall-komponenti l-oħra tal-kuntratt.

B'mod simili għall-kriterji addizzjonali l-oħra mhux tal-prezz, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti huma mħeġġa jallinjaw il-kundizzjoni speċjali mal-kriterju ta' prekwalifikazzjoni dwar it-twettiq tax-xogħol fil-ħin tal-Artikolu 26 tal-NZIA. L-Artikolu 6 tal-Att ta' Implimentazzjoni ([14]) jagħti eżempji ta' rekwiżiti ta' prekwalifikazzjoni rilevanti.

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1176 tat-23 ta' Mejju 2025 li jispeċifika l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u tal-aġġudikazzjoni għall-irkantijiet għall-varar tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L, 2025/1176, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1176/oj).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att Ewropew dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1176 tat-23 ta' Mejju 2025 li jispeċifika l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u tal-aġġudikazzjoni għall-irkantijiet għall-varar tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L, 2025/1176, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1176/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1176 tat-23 ta' Mejju 2025 li jispeċifika l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u tal-aġġudikazzjoni għall-irkantijiet għall-varar tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L, 2025/1176, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1176/oj).

Eżempju ta' obbligu kuntrattwali biex ix-xogħol jitwettaq fil-ħin:

Id-durata għat-tħejjija u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni tal-moduli PV għandu jkun sa 4 xhur mid-data tal-bidu speċifikata fid-dokument tal-akkwist. Jekk l-iskadenza għat-tlestija speċifikata fil-kuntratt tinqabeż, il-kuntrattur ikun responsabbli għal penali ta' EUR XXX għal kull jum kalendarju ta' dewmien. Wara dewmien ta' 8 ijiem, tapplika penali miżjuda ta' EUR YYY.

C. Ir-rekwiżiti tar-reżiljenza (l-Artikolu 25(7) tal-NZIA)

1. *Meta għandu jitqies il-kontribut tar-reżiljenza?*

Ir-rekwiżit tar-reżiljenza mnaqqax fl-Artikolu 25(7) japplika biss għall-prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tiegħu li għalihom l-UE għandha dipendenza għolja fuq il-provvista fuq pajjiż mhux tal-UE. Il-komponenti speċifiċi ewlenin tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero huma elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1178 tat-23 ta' Mejju 2025 dwar l-istabbiliment ta' regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti finali tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza ([15]).

L-Artikolu 25(7) jiddefinixxi dipendenza għolja fuq il-provvista. Żewġ sitwazzjonijiet huma inklużi:

(1) Aktar minn 50 % tal-provvista tal-UE ta' prodott finali jew komponent speċifiku ewlieni b'teknoloġija b'emissjonijiet żero nett tiġi minn pajjiż wieħed mhux tal-UE; JEW

(2) Aktar minn 40 % tal-provvista tal-UE ta' prodott finali jew komponent speċifiku ewlieni b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tiġi minn pajjiż wieħed mhux tal-UE, U dan is-sehem żdied b'medja ta' mill-inqas 10 punti perċentwali f'sentejn konsekuttivi.

Illustrazzjoni 1

Meta għandu jitqies il-kontribut tar-reżiljenza tal-offerta



Għall-finijiet ta' din il-gwida, kwalunkwe pajjiż mhux tal-UE li jissodisfa waħda miż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(7), it-tieni subparagrafu, huwa definit bħala "sors ta' provvista dominanti".

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1178 tat-23 ta' Mejju 2025 dwar l-istabbiliment ta' regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti finali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza (ĠU L, 2025/1178, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1178/oj).


L-ishma tal-provvista tal-UE ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom li joriġinaw minn pajjiżi mhux tal-UE differenti huma pprovduti mill-Kummissjoni kull sena permezz ta' Komunikazzjoni ddedikata, f'konformità mal-Artikolu 29(2) tal-NZIA. **L-ewwel Komunikazzjoni dwar id-dipendenzi tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti diġà ġiet ippubblikata** ([16]) u hija applikabbli mit-30 ta' Diċembru 2025. Id-dipendenzi għoljin huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-kulur fit-Tabella 1 tal-Komunikazzjoni. **L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jridu jikkonsultaw il-Komunikazzjoni dwar id-dipendenzi tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u ma għandhomx jikkalkulaw id-dipendenzi fuq il-provvista huma stess.**

Il-Komunikazzjoni se tiġi aġġornata fuq bażi annwali. Jista' jkun li mhux dejjem tipprovdi data dwar id-dipendenza għall-komponenti speċifiċi ewlenin kollha. Il-Kummissjoni qed taħdem b'urġenza biex tistabbilixxi l-bażi għall-kejl tad-dipendenzi fost dawk il-komponenti kollha. Għalhekk, gradwalment se tiżdied data addizzjonali f'aġġornamenti futuri. **Għal kwalunkwe prodott finali jew komponent speċifiku ewlieni b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li ma jidhirx fil-Komunikazzjoni, jista' jiġi preżunt li ma hemm l-ebda dipendenza għolja.**

Sabiex l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jingħataw ħin biex jadattaw għall-informazzjoni aġġornata dwar is-sehem tal-provvista tal-UE u d-dipendenzi minn pajjiżi differenti, tabella bid-data aġġornata se tkun disponibbli permezz tas-sit tal-NZIA madwar 6 xhur qabel il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni aġġornata. It-tabella se tiġi aġġornata fit-tielet kwart ta' kull sena, u l-Komunikazzjoni aġġornata nnifisha se tiġi ppubblikata fl-ewwel kwart tas-sena ta' wara. Jekk jogħġbok innota li d-data disponibbli permezz tas-sit web tal-NZIA hija għal finijiet indikattivi, u l-Komunikazzjoni biss għandha tintuża biex tiġi vvalutata d-dipendenza fuq il-provvista fir-rigward tal-Artikolu 25(7), it-tieni subparagrafu.

Illustrazzjoni 2

Żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni għar-rekwiżit tar-reżiljenza



2. *L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-reżiljenza*

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-reżiljenza tiġi attivata meta l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dipendenzi tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tkun iddeterminat li hemm dipendenza għolja għal prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u/jew wieħed mill-komponenti speċifiċi ewlenin tiegħu.

L-Artikolu 25(7)(a) u (b) tal-NZIA jiddeskrivu r-rekwiżiti ewlenin dwar ir-reżiljenza:

— Il-Paragrafu 7(a) jipprevedi li mhux aktar minn 50 % tal-**valur tal-prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti** għandu joriġina mis-sors ta' provvista dominanti.

Dan ifisser li mhux aktar minn nofs il-kost totali tal-prodott finali għall-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jista' joriġina mis-sors ta' provvista dominanti. Pereżempju, fil-każ ta' sistemi solari PV fuq il-bjut, il-kuntratt jista' jalloka biss sa 50 % tal-kost totali tas-sistemi PV solari għal sistemi fornuti mis-sors ta' provvista dominanti.

([16]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi informazzjoni aġġornata biex jiġu ddeterminati l-ishma tal-provvista tal-Unjoni Ewropea ta' prodotti finali u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom li joriġinaw minn pajjiżi terzi differenti skont ir-Regolament (UE) 2024/1735 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (ĠU C, C/2025/3236, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3236/oj).


Dan il-kalkolu japplika għall-kost għall-awtorità kontraenti u l-entità kontraenti tal-provvista tal-prodott finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Ma huwiex ikkalkulat bħala s-somma tal-kostijiet tal-komponenti speċifiċi ewlenin.

— Il-paragrafu 7(b) jipprevedi li mhux aktar minn 50 % tal-**valur tal-komponenti speċifiċi ewlenin** għandu joriġina mis-sors ta' provvista dominanti.

Ir-rekwiżit tal-paragrafu 7(b) japplika għall-valur aggregat tal-komponenti speċifiċi ewlenin kollha, mhux għal kull komponent individwali. Biex jiġi kkalkulat is-sehem li joriġina mis-sors ta' provvista dominanti, huma meħtieġa żewġ biċċiet informazzjoni: (1) l-oriġini ta' kull komponent speċifiku ewlieni (ara t-taqsima III.C.3), u (2) is-sehem tal-valur ta' kull komponent speċifiku ewlieni (ara t-taqsima III.C.4). Il-valur totali tal-komponenti speċifiċi ewlenin kollha li joriġinaw mis-sors ta' provvista dominanti ma jistax jaqbeż il-50 % tal-valur globali. L-għażla tal-komponenti għandha titħalla f'idejn l-offerent (u mhux f'idejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti). Dan jiżgura kompetizzjoni suffiċjenti fost il-forniturі tal-komponenti u jippermetti lill-offerenti jagħmlu l-aktar għażliet kosteffiċjenti filwaqt li japplikaw ir-rekwiżiti.

Illustrazzjoni 3

L-applikazzjoni tal-Artikolu 25(7)(b)



L-eżempju ssimplifikat fl-Figure 3 juri dan: din it-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti tikkonsisti f'ħames komponenti speċifiċi ewlenin. L-offerent beħsiebu juża prodott b'emissjonijiet żero netti li jinkludi żewġ komponenti speċifiċi ewlenin li joriġinaw mis-sors ta' provvista dominanti (immarkati "MSC1" u "MSC4"). L-assemblaġġ u l-komponenti flimkien jammontaw għal 35 % tal-valur tal-komponenti speċifiċi ewlenin kollha. F'dan l-eżempju, il-komponenti speċifiċi ewlenin ikunu konformi mal-paragrafu 7(b).

Ir-rekwiżit tar-reżiljenza japplika għat-teknoloġiji speċifiċi b'emissjonijiet żero netti li jitwasslu fl-ambitu tal-akkwist, mhux għall-akkwist ġenerali jew medju tal-fornitur fil-produzzjoni tiegħu.

